**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**CHAIRPERSON**

**Rikors nru. 72/2016**

**Joseph Vella (ID963446M)**

**Vs**

**Franco Zammit (ID326060M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Z.C. Installations Limtied (C30750), kif ukoll Franco Zammit u martu Suzette Zammit personalment ta' Saint Andrea Court B Numrber B3 St. Andrew's Court Swieqi**

Illum, 14 ta' Ottubru 2016

Il-Bord,

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti huwa l-propjetarju tal-fond li jinsab f'semi basement level minghajr numru u minghajr isem, li jinsab bejn Triq is-Siegh u Triq Gdida fi Triq is-Siegh, liema fond ghandu entratura tieghu jaghti ghal fuq Triq is-Siegh, f'Handaq limiti ta' Hal Qormi li kien kera dan il-fond lill-intmat bi skrittura tal-5 ta' Mejju 2003 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala document 'A';

2. Illi tali kuntratt ta' kera illum huwa skadut u gie tterminat stante li skont l-istess ftehim il-kuntratt kellu jigi terminat fi zmien tnax (12) – il sena mill-5 ta' Mejju 2003 u illum dan il-kuntratt huwa skadut u l-intimat ghadu qieghed jokkupa dan il-fond illegalment;

3. Illi l-intimati sa fejn jaf r-rikorrenti m'ghandhomx difiza x'jaghtu kontra t-talba taghhom;

4. Illi huwa jaf bil-fatt kif fuq spjegat u jikkonferma dan bil-gurament tieghu;

5. Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza ghall-zgumbrament tal-intimat mill-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati mis-smiegh odjerna bil-procdeura sommarja specjali kif stabbilita mill-Ligi a tenur tal-artiklu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta fil-guranta u hin kif stabbilit mill-istess Bord u f'kaz li l-intmati ikunu kontumaci f'dik is-seduta, jew inkella jekk huma jonqsu milli juru f'dik is-seduta li ikollhom difiza li tista' u li tista taghmel sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera ghandu:

1. Jikkundanna lill-intimati sabiex jizgumbraw mill-fond in kwistjoni u dan fi zmien li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi;

2. Bl-ispejjes inkluz dik tal-ittra uffijali u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tallum minn fejn jirrizulta l-qbil li sar bejn il-partijiet prezenti u debitament assistiti, ossija li l-intimati jizgombraw il-proprjeta' inkwistjoni sa mhux aktar tard minn hamsa u sebghin (75) gurnata li jibdew jiddekorru millum, b'dan li gie miftiehem illi fil-31 ta'

Dicembru 2016 l-intimat pro et noe ghandu jghaddi c-cwievet u l-pussess battal tal-fond lir-rikorrenti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Peress illi jimmerita li t-talbiet tar-rikorrent ikunu milqugha bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Bord qieghed ghalhekk jilqa't-talbiet tar-rikorrent u ai fini ta' zgumbrament qed jipprefiggi sal-31 ta' Dicembru 2016, hekk kif miftiehem, sabiex l-intimati jizgombraw mill-fond.

L-Ispejjez kollha huma a karigu tal-istess intimat.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat

Lorianne Camilleri
Deputat Registratur